**Emenda 1**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Huwa tal-fehma li l-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jippromwovi l-investiment pubbliku billi jappoġġja s-setturi produttivi u strateġiċi, is-servizzi pubbliċi, il-ħolqien ta' impjiegi bi drittijiet, il-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi, il-ħarsien tal-ambjent u l-użu sħiħ tal-potenzjal ta' kull pajjiż u reġjun, flimkien mat-tfittxija ta' relazzjonijiet esterni bbażati fuq is-solidarjetà, il-kooperazzjoni, ir-rispett reċiproku u l-paċi;*** |

Or. pt

6.3.2024 A9-0068/2

**Alteração 2**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Jappella biex il-baġit tal-UE jiżdied fi sforz biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni soċjoekonomika li qed iħabbtu wiċċhom magħha l-popli u l-Istati Membri, li ġiet aggravata minħabba, fost affarijiet oħra, l-għoli tal-ħajja li qed jiżdied esponenzjalment;*** |

Or. pt


Magħquda fid-diversità

6.3.2024 A9-0068/3

**Emenda 3**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1b. Jappella wkoll biex tissaħħaħ il-funzjoni ridistributtiva tal-baġit, billi jingħata appoġġ għall-isforzi li jsiru biex tinkiseb konverġenza reali fil-progress ekonomiku u soċjali fost l-Istati Membri;*** |

Or. pt



Magħquda fid-diversità

6.3.2024 A9-0068/4

**Emenda 4**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1c. Iqis li, fis-sitwazzjoni preżenti, l-objettivi prinċipali li għandhom jiġu mfittxija bil-mobilizzazzjoni tal-fondi mill-baġit tal-UE għandhom ikunu: il-promozzjoni ta' okkupazzjoni sħiħa u l-ħolqien ta' impjiegi bi drittijiet, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-promozzjoni tal-investiment fis-setturi produttivi u strateġiċi, il-promozzjoni tas-sovranità tal-Istati Membri, b'mod partikolari dik tal-ikel u tal-enerġija, il-ħarsien tal-ambjent u tal-bijodiversità u l-appoġġ għall-akkoljenza u għall-integrazzjoni tar-rifuġjati u tal-migranti kollha;*** |

Or. pt

**Emenda 5**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Fid-dawl tal-għoli tal-ħajja li qed jiżdied esponenzjalment u l-impatti ferm sinifikanti tiegħu fuq il-ħajja tal-ħaddiema u l-familji tagħhom, taż-żieda fl-inugwaljanzi u fl-inġustizzji soċjali, taż-żieda sinifikanti tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, jeħtieġ li jiżdiedu konsiderevolment l-ammonti allokati għall-FSE+, bil-għan li jiġu indirizzati dawn il-problemi;*** |

Or. pt

6.3.2024 A9-0068/6

**Emenda 6**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***12b. Jitlob li l-ammonti neċessarji jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, sew permezz tat-tisħiħ tal-istrumenti eżistenti u/jew tal-ħolqien ta' strumenti ġodda, bil-għan li jingħata appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi ta' investiment tagħhom u ta' għoti ta' akkomodazzjoni pubblika bi prezzijiet aċċessibbli, b'hekk jgħinu biex jiġi żgurat id-dritt fundamentali għal akkomodazzjoni dinjituża, ta' kwalità u aċċessibbli għal kulħadd;*** |

Or. pt


Magħquda fid-diversità

6.3.2024 A9-0068/7

**Emenda 7**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-vjolenza u fil-ġlieda kontriha fil-bosta forom u fil-kawżi l-aktar profondi tagħha u, fl-istess ħin, jadottaw miżuri speċifiċi għal kull wieħed mill-aspetti tagħha, filwaqt li titħares l-ugwaljanza tad-drittijiet bejn l-irġiel u n-nisa fl-ambiti kollha tal-ħajja: id-dritt għall-integrità fiżika u morali, id-dritt għall-protezzjoni ġuridika u l-aċċess għall-qrati għad-difiża tad-drittijiet; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex isaħħu s-servizzi pubbliċi tas-saħħa bla ħlas u ta' kwalità, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet sesswali u riproduttivi, mal-appoġġ għan-nisa vittmi tal-vjolenza u maż-żieda fl-għadd ta' kennijiet u postijiet, b'appoġġ speċjalizzat għal nisa ta' diversi nazzjonalitajiet u b'diversi lingwi; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-pakkett finanzjarju għall-programm Daphne għandu jissaħħaħ; huwa tal-fehma li huwa daqstant importanti li jissaħħaħ il-pakkett finanzjarju għall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE);*** |

Or. pt

6.3.2024 A9-0068/8

**Emenda 8**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jappella biex il-programmi li jappoġġjaw il-kultura jissaħħu u jiġu stabbiliti linji baġitarji ġodda li jipproteġu u jippromwovu d-diversità kulturali u jagħtu spinta u jiddemokratizzaw il-kreazzjoni artistika u t-tgawdija artistika, flimkien ma' aċċess għall-kultura;*** |

Or. pt

**Emenda 9**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26b. Jappella għal impenn ġenwin biex jintlaħaq il-prinċipju tal-multilingwiżmu; jappella, b'rabta ma' dan, biex jiżdiedu l-finanzjamenti għat-traduzzjoni u għall-interpretazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari tal-Parlament Ewropew, u jiġi żgurat li l-ħaddiema ta' dawn is-servizzi jiġu internalizzati u impjegati fuq bażi permanenti mal-istituzzjonijiet tal-UE;*** |

Or. pt

**Emenda 10**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26c. Jirrifjuta ż-żieda fl-allokazzjonijiet tal-baġit għall-militarizzazzjoni, b'mod speċifiku, għall-armi, għall-infrastrutturi, għall-kapaċità u għall-mobbiltà militari; jirrifjuta l-militarizzazzjoni dejjem akbar li għaddejja fl-UE; jappella bil-qawwa biex fondi mill-baġit tal-UE għall-azzjoni esterna (bl-eċċezzjoni ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp), għas-sorveljanza u għall-esternalizzazzjoni tal-fruntieri, għall-programmi ta' militarizzazzjoni u komunitarizzazzjoni tas-sigurtà jiġu riallokati biex jgħinu lill-Istati Membri jtejbu s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali abbażi tal-prinċipju tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, jiġifieri bil-ħsieb li tinkiseb konverġenza fil-progress ekonomiku u soċjali;*** |

Or. pt


Magħquda fid-diversità